MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 425/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**John Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 t'Ottubru, 2008, ghall-habta tat-3.30 p.m. gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta zamm diversi speci ta' ghasafar, kemm hajjin kif ukoll mejtin, jew partijiet minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huma projbiti taht dawn ir-regolamenti w dan mhux skond id-dispozizzjonijiet tal-A.L. 79 ta' l-2006. Dan bi ksur tar-regolament 4(1)(e); 4(1)(f) u 6(1) tal-a.L. 79 ta' l-2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat ir-Regolament 4(1)(e) u 4 (1)(f) u 6(1) tal-A.L.

79 tal-2006, ma sabitx lill-appellat hati w ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti qalet li la darba il-pussess ta’ din it-tajra kien legali gol-Isvezja allura l-pussess Malta kien legali peress li l-istess karkassa kienet giet importata fl-Unjoni Ewropeja. Illi dan hu argument fallaci ghax id-dritt Kriminali hu applikabbli f’kull pajjiz skond il-ligijiet ta’ dak il-pajjiz. Illi f’Malta il-pussess ta’ din it-tajra hu llegali w ghalhekk l-appellat ma kellux jigi liberat.

Rat il-verbal redat fis-seduta tal-lum li bih il-partijiet qablu li t-tajra cortus corax (Common Raven) li spiccat Malta mill-appellant fit-22 t’Ottubru, 2008 meta gie lura minn gita ghall-kacca kienet inqabdet gewwa n-Norvegja w importata regolarment fl-Isvezja w giet debitament iddikjarata mill-appellat meta gie lura Malta. In vista ta’ dan il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li ma jisimghux ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-punt legali.

Ikkunsidrat

Peress li din il-Qorti mhiex sodisfatta li hemm ragunijiet legali li ghandhom iwasslu biex tigi disturbata d-decizjoni tal-Ewwel Qorti, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------